MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-10 ta' April, 2014

Appell Kriminali Numru. 207/2013

Appell Nru: 207/2013 MM

Il-Pulizija

vs

Joseph Camilleri

Illum 10 ta' April, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-appellant Joseph Camilleri, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 533455M akkuzat talli:

Fuq talba tal-Kummissarju t at-Taxxa fuq il-Valur Mizjud akkuzat:

Talli ghan-nom u in rappresentanza ta' 21st Century Ghall-Kafe Limited (C 21309) u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fl-10 ta' Dicembru, 2011, gewwa Republik Bar – Triq il-Wilga, Paceville, jew hu jew impjegati tieghu u/jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi f'ismu, offra li tipprovdi lill-persuna ohra u/jew espona ghall-bejgh oggetti waqt li kien sprovvist minn cash register fiskali jew kotba tar-ricevuti fiskali kif mahruga jew approvati mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax –il Skeda ta' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u l-artikoli 51 u 77 (o) u 82 ta' l-istess Att.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija fit-30 ta' April, 2013, fejn il-Qorti wara li rat wara li rat l-artikoli 51, 77(o) u 82 l-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax il-Skeda tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u taghha tikkundannatu multa ta' disa' mitt Euro (€900).

Fliet l-atti processwali;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat.

Rat ir-rikors ta' appell ta' Joseph Camilleri pperezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-8 ta' Mejju, 2013 fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull htija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellant Joseph Camilleri:

a) Illi fl-ewwel lok l-fatti materjali li eventwalment wasslu ghal infrazzjoni prima facie tal-ligi, graw minghajr ebda htija jew nuqqas. Irrizulta mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni illi, minhabba difett elettroniku fis-sistema kompjuterizzata, ma bdewx jinhargu ricevuti fiskali bil-mod li trid il-ligi. Dan gara peress illi, ghal insaput tal-Manager Alan Woods, is-sistema back-up li bdiet tahdem hekk kif is-sistema ordinarja ma komplietx topera, kienet necessarjament trid illi l-kaxxii mill-gdid jigu pplagjati mas-server biex jergu jiffunzjonaw kif kienu. Alan Woods ma kienx jaf u

ma setghax jispjega lill-ufficjali tad-Dipartiment x'hin huma staqsewh ghalfejn ir-ricevuti fiskali ma kienux qeghdin jinhargu kif suppost. L-imsemmi Woods skopra bil-htiega illi ,l-kaxxi jigu pplaggjati minghand l-appellant. Fis-sentenza taghha l-Ewwel Onorabbli Qorti qieset illi dan kollu kien 'implawsibli' ghall-ahhar. Fil-fehma tal-Qorti l-implawsibilita kienet gejja mill-fatt illi difficilment jigi emmnut illi n-nuqqs ta' pluging in kellu jwassal ghal hrug ta' ricevuit li huma tajbin f'kollox hlief li ma jistampawx l-exemption number . Il-verita hi, dejjem skond il-Qorti "... li ma seta` jigi stampat l-ebda numru fuq l-ircevuti ghaliex is-sistema ma kienitx approvata mid-dipartiment koncernat u konsegwentement kien ghadu ma inharigx exemption number." Fuq daqsekk l-appellant jirrileva illi din il-verta mkien ma giet allegata minn ebda xhud tal-prosekuzzjoni u wisq anqas ma giet pprovata fil-kors tal-kawza. L-imsemmi Alan Woods kien xhud imressaq mill-prosekuzzjoni u jekk il-verzjoni moghtija minn Alan Woods ma tistghax – anke fl-assenza ta' prova kontrarja – tigi emmnuta, ifisser biss illi ebda verzjoni ma tressqet. L-appellant pero huwa aggravat mill-fatt illi dakli gara dakinhar ma giex emmnut mill-Qorti minghajr raguni u li l-Qorti mbghad wasslet ghall-konkluzjonijiet illi kieku gew espressi mill-prosekuzzjoni fil-kors tal-kawza, kienu jitwarrbu facilment bi prova kontrarja.

b) Illi fil-kors tat-trattazzjoni tieghu, l-appellant issottometta illi lil hinn mill-konsiderazzjonijiet l-ohra kollha, ghalkemm huwa minnu illi l-prosekuzzjoni ressqet prova illi l-appellant Joseph Camilleri huwa verament id-direttur tal-imsemmija socjeta' 21$^{st}$ Century Ghall-Kafe Limited (C21309), il-prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova illi s-socjeta 21$^{st}$ Century Ghall-Kafe Limited tiggestixxi Republik Bar jew b'xi mod ghandha xi konnessjoni ma dan il-lokal. Ghalkemm trattat dan il-punt ma giex indirizzat fis-sentenza appellata. L-appellant jissottometti reverentement illi fil-provi mressqa mill-prosekuzzjoni l-element essenzjali tar-rabta bejn is-socjeta 21$^{st}$ Century ghall-Kafe Limited – u allura l-appellant – u l-post Republik Bar ma giex provat u fin-nuqqas tieghu ma jista` qatt jinghad illi l-prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha.

Ikkunsidrat,

Irrizulta mill-provi illi l-appellant huwa direttur tas-socjetà 21st Century Al Café Limited illi tiggestixxi l-hanut bl-isem ta' Republic Bar, Triq Wilga, Paceville. Fl-ghaxra (10) ta' Dicembru tal-elfejn u hdax (2011) saretet spezzjoni minn spetturi tal-VAT f'dan il-fond fejn dawn osservaw illi Alan Wood illi kien qieghed jahdem mal-bar kien qieghed johrog ircevuti minn sistema kompjuterizzata u fuq dawn l-ircevuti ma kienx hemm l-"exemption number" sabiex dawn l-ircevuti setghu johorgu minn dik is-sistema. Cash registers ma kienx hemm fil-fond. Ghalhekk l-appellant bhala direttur responsabbli ghal din l-azjenda gie mressaq il-Qorti biex iwiegeb ghal dawn l-akkuzi u b'sentenza tat-tletin (30) ta' April elfejn u tlettax (2013) (fol 22) gie misjub hati u kkundannat ghal multa ta' disa' mitt ewro (€ 900).

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell fejn l-aggravju principali tieghu kien illi Alan Wood kellu jdur ghal sistema kompjuterizzata minhabba difett elettroniku u di piu, ma giex ippruvat in-nes bejn is-socjetà 21st Century Al Café Limited u r-Republic Bar f'Wilga Street, Paceville fejn gara dan l-allegat nuqqas.

Ikkunsidrat:

Marvic Grech kien l-ispettur li ghamel l-ispezzjoni u qal illi dakinhar ra ricevuti illi kienu qed jigu moghtija lill-klijenti mahruga minn sistema kompjuterizzata illi ma kellhomx "exemption number" fuqhom. Dawn l-ircevuti huma esebiti f'dawn l-atti li kopji taghhom qieghdin a fol 20. L-appellant Joseph Camilleri ma kienx fuq il-post u meta staqsa lill-persuna li kienet qed isservi n-nies Alan Wood, dan qallu illi biddel is-server tal-cash register minhabba difett elettroniku u kien ghalhekk illi meta gew l-ispetturi sabu xi ricevuti li ma kellhomx l-"exemption number" fuqhom. Marvic Grech, però, irrileva illi meta mar jiccekkja fis-sistema taghhom id-dipartiment sab illi ma kienx hemm talba sabiex issir "exemption" f'dak il-fond u tintuza sistema kompjuterizzata flok sistema tal-cash register. Grech xehed fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Settembru tal-elfejn u tlettax (2013) fejn qal illi l-gurnata ta' qabel kien iccekkja mad-dipartiment u sab li sa dakinhar ma kinitx ghada saret applikazzjoni sabiex il-VAT number jigi uzat bhala sistema kompjuterizzata. Ghalhekk l-istat ta' illegalità baqa' jippersisti tul il-kors ta' din il-kawza.

Ikkunsidrat:

Id-Difiza argumentat illi l-ewwel Qorti kienet waslet ghall-konkluzjoni illi Alan Wood ma kienx kredibli. Argumentat illi Wood kien xhud tal-Prosekuzzjoni, allura n-nuqqas ta' kredibiltà tieghu ma kelliex tiffavorixxi lill-istess Prosekuzzjoni. Terga' Joseph Camilleri, l-appellant, huwa direttur tas-socjetà 21st Century Al Café Limited, però ma giex ippruvat l-ebda nes bejn din is-socjetà u l-fond Republic Bar.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti tirrileva illi l-Prosekuzzjoni hija obbligata illi tressaq il-prova shiha u kompleta kemm kontra kif ukoll favur persuna akkuzata b'reat u f'dan il-kaz hekk ghamlet. Ressqet 'il-ispetturi tal-VAT kif ukoll il-persuna li kien qieghed jahdem mal-bar u li irrilaxxa l-ircevuti. Skont Alan Wood dan biddel is-server tal-cash register meta gew l-ispetturi u kien ghalhekk li ma kienx hemm l-"exemption number". Izda l-ewwel Qorti korrettement irrilevat illi dan qatt ma seta' kien veru peress illi l-kumpanija ma kinitx applikat ghal exemption number sabiex tkun tista' taghmel dan. Fil-fatt irrizulta illi anke fil-mori ta' dan l-appell din it-talba min-naha tal-kumpanija baqghet ma saritx u dan l-istat ta' illegalità ghadu jippersisti. Bir-

ragun allura l-ewwel Qorti iddikjarat li ma kinitx qieghda taghti hafna affidament lix-xhieda ta' Alan Wood.

Rigward it-tieni argument li ma giex prodott in-nes bejn is-socjetà u r-Republic Bar, din il-Qorti tirrileva illi din id-difiza jew eccezzjoni tqajmet l-ewwel darba fi stadju ta' appell u ma gietx iddibattuta quddiem l-ewwel Qorti. Però tajjeb jew hazin il-Qorti taghmel riferenza ghall-ircevuta illi hemm esebita f'dawn l-atti fejn jidher VAT number illi huwa l-istess tas-socjetà 21st Century Al Café Limited. Dana jfisser illi l-fond Republic Bar huwa bilfors gestit minn din is-socjetà ghax inkella jkun hemm VAT number differenti. Zgur li rrizulta minghajr dubju dettat mir-raguni illi s-sistema tal-hrug ta' ricevuta uzata minn Republic Bar ma kinitx dik approvata mid-dipartiment. Din is-sistema kienet tiffunzjona tajjeb hlief ghall-produzzjoni ta' dan l-"exemption number".

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi tigi tiddisturba d-diskrezzjoni taghha.

Ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------